SANTA LUĊIJA

# LAQGĦA TAL-LOKALITA` - 2009

**DATA: Is-Sibt, 16 ta' Mejju 2009** **ĦIN: 9.00a.m.**

Il-Laqgħa tal-Lokalita` saret fis-Sala Parrokjali, Knisja San Piju X.

Attendew għall-Laqgħa: Is-Sindku Frederick Cutajar, il-Viċi Sindku Joe Balzan, il-Kunsilliera: Caroline Galea, Joe Bonello u Paulette Gafa`, s-Segretarja Eżekuttiva Caroline Silvio, l-Uffiċjal Eżekuttiva Louise Gatt u l-iskrivana Claudia Costantino flimkien ma' numru ta' residenti.

## 1. MERĦBA MIS-SINDKU

Is-Sindku, filwaqt li sellem lil dawk preżenti u tagħhom merħba stqarr li din il-laqgħa pubblika kienet qed issir kif provdut fl-Att tal-Kunsilli Lokali.

## 2. RAPPORT AMMINISTRATTIV

Is-Sindku għadda biex qara u spjega r-rapport amministrattiv li ġie ppreparat mis-Segretarja Eżekuttiva tal-Kunsill għall-perjodu ta' bejn l-1 ta' April 2008 sal-31 ta' Marzu 2009. Fost l-aktar affarijiet importanti li ssemmew insibu:

- Xogħolijiet li għamel il-Kunsill matul din l-aħħar sena
- L-operat tal-Kunsill fir-rigward ta' responsabilitajiet li jaqgħu taħt il-Kunsill
- L-Amministrazzjoni, servizzi u attivitajiet indirizzati lejn il-komunita'

Kopja ta' dan ir-rapport qed jiġi anness ma' dawn il-Minuti.

## 3. PJAN TA' ĦIDMA GĦAS-SENA 2009/2010

Is-Sindku qara pjan ta' ħidma li tħejja minn dan il-Kunsill. Huwa spjega fid-dettall il-punti kollha li hemm imsemmija f'dan ir-rapport li kopja tiegħu qed tiġi annessa ma' dawn il-Minuti. Fost dawn insibu:

- Ċentru Ċiviku
- Ġnien is-Serenita'
- Sit Arkeoloġiku
- *Upgrading* ta' Bankini u Manutenzjoni ta' Toroq
- Servizz ta' Ġbir ta' Skart
- Impenn lejn il-komunita'

## 4. KUMMENTI U SUĠĠERIMENTI TAR-RESIDENTI

### 4.1 Is-Sur Thomas Micallef

Is-Sur Micallef tkellem dwar is-sistema ta' ġbir ta' skart li ser ikun qed jaddotta l-Kunsill u li dwarha r-residenti ġew infurmati permezz t'avviż li tqassam f'kull residenza. Fil-kummenti tiegħu is-Sur Micallef qal li jekk ser jitneħħew il-*bins on wheels* ser ikun hawn aktar ħmieġ u aktar boroż fit-toroq ta' Santa Luċija. Tkellem ukoll dwar il-*water troughs* u qal li dawn huma responsabilita' tal-pulizija u kkummenta dwar l-użu ħażin li qed isir minn dawn *water troughs.*

Is-Sur Micallef staqsa wkoll jekk kienx ser isir xi ħaġa dwar il-*flooding* li jkun hemm fi Triq il-Ġnien bejn Block I u II. Semma l-periklu li l-problema ta' l-ilma tax-xita qed toħloq fuq il-*lift* li sar fi Block II. Is-Sur Micallef sostna li jrid isir kanal minn Triq il-Ġnien għal ħdejn il-*Bicycle Track* għax hemm hekk l-ilma għandu fejn imur.

### 4.2 Is-Sur Michael Pule`

Is-Sur Pule` irringrazzja lil Kunsill tas-servizz li joffri u wera d-disappunt tiegħu lejn il-fatt li l-attendenza għal-laqgħa tal-lokalita' hija waħda fqira. Huwa qal li jħoss li għandu jiskuża ruħu f'isem ir-residenti, biss forsi wieħed għandu jara għaliex l-attendenza hija dik li hi.

Fil-kummenti tiegħu is-Sur Pule` tkellem dwar il-ġemellaġġi li għandu l-Kunsill u ssuġġerixxa l-possibilita' li ssir attiva vasta għall-pubbliku. Huwa semma l-attivitajiet li saru riċentament fil-Ħamrun, il-Birgu u l-Imtarfa. Semma s-suċċess li kellhom dawn l-attivitajiet, sew mill-parteċipazzjoni tal-pubbliku kif ukoll mill-att kummerċjali.

Is-Sur Pule` semma wkoll in-nuqqas ta' librerija pubblika li hawn f'din il-lokalita'. Huwa tkellem dwar il-ġid li joħroġ mill-qari u qal li għandu jsir sforz akbar biex f' Santa Luċija jkun hawn librerija pubblika.

Fir-rigward tat-tneħħija tal-*bins on wheels* fis-sistema l-ġdida tal-ġbir ta' skart, is-Sur Pule` qal li hu ma kienx jaqbel. Huwa qal li jekk il-kuntrattur mhux qed jimxi sew għandu jinħariġlu *default notice* jew jinbidel il-kuntrattur. Huwa sostna li l-Kunsill għandu jibdel lill-kuntrattur u mhux is-sistema. Rigward il-boroż ta' l-iskart separat li jinħarġu nhar ta' Tlieta huwa qal li mhux kulħadd qed jikkopera ma' din is-sistema għax dejjem tara l-boroż griżi fejn l-istess djar. Semma wkoll il-problema tal-klieb u qal li tara nies joħorġu bi tlett iklieb u mhux wieħed u staqsa kif dawn l-individwi jistgħu jimxu ma' dak li tgħid il-liġi biex ma jħallux ħmieġ tal-klieb tagħhom fit-toroq. Huwa saħaq fuq aktar *enforcement* mill-*wardens.*

Is-Sur Pule` qal li l-Kunsill għandu jeduka lin-nies dwar l-indafa fil-lokalita' u għandu jagħmel avviżi fin-*newsletter* f'dan ir-rigward.

### 4.3 Is-Sur Joe Seychell

Is-Sur Seychell irringrazzja lil Kunsill u kellu kliem ta' tifħir għall-kennies li qed jaħdem ġo Santa Luċija bħalissa. Huwa qal ukoll li ma jaqbilx li l-Kunsill ineħħi s-servizz tal-*bins on wheels*. Is-Sur Seychell qal li l-Wasteserv għandha toffi inċentivi biex ir-residenti jkollom il-*compost bins* u jitgħallmu jagħmlu l-*compost* bl-iskart domestiku li jkollom

### 4.4 Is-Sur Laurence Ciantar

Is-Sur Ciantar irringrazzja lil Kunsill u lill-istaff tal-Kunsill u qal li kull meta mar fl-uffiċċju tal-Kunsill dejjem ġie ittrattat b'rispett.

Is-Sur Ciantar ikkummenta dwar l-attendenza miżera għal din il-laqgħa tal-lokalita'. Huwa rrefera għar-rapport amministrattiv li kien għadu kif qara s-Sindku u li qal li dan għandu jiġi ppubblikat ħalli r-residenti jkunu jafu x'qed jiġri. Rigward l-avviżi li l-Kunsill joħroġ fin-*notice boards* huwa qal li dan l-aħħar kien hemm l-attivita' li matulha ġie inawgurat il-masġar b'tifkira ta' Dr Karl Chircop u ma kinitx fuq in-*notice boards*. Huwa qal li l-Kunsill għandu joħroġ aktar *newsletters* matul is-sena.

Rigward il-*Community Centre* is-Sur Ciantar qal li l-Kunsill għandu jġib il-permess tal-MEPA u jagħżel is-sit fejn dan irid isir.

Huwa qal li kull meta saret l-laqgħa tal-Lokalita' qatt ma ġie diskuss il-budget tal-Kunsill fuq il-proġetti.

Dwar it-tneħħija tal-*bins on wheels* huwa qal li ma kienx jaqbel li dawn jitneħħew u semma wkoll li għandu jkun hawn aktar dixxiplina dwar il-klieb.

Is-Sur Ciantar semma wkoll il-bombi tal-festa u qal li dawn qed jagħmlu *sound pollution* u li lilu anki nkisirlu xi ħġieġ tad-dar bil-ħoss qawwi tal-bombi tal-festa.

### 4.4 Is-Sur Fenech Gonzi

Is-Sur Fenech Gonzi tkellem dwar l-istat ħażin ta' Triq il-Ġiżimin li hija kollha ħofor. Huwa talab ukoll li issa li bdiet is-sħana, il-berġa għandha tinfetaħ qabel ħalli n-nies jidħlu jistennew ġewwa.

### 4.5 Is-Sinjura Pule'

Is-Sinjura Pule` rreferit għad-*dumping* li jsir fil-bins-on-wheels ġo Santa Luċija hija staqsiet jekk ir-residenti jistgħux jieħdu n-numru tal-vetturi li jiġi jarmu skart li mhux suppost li jitrema f'dawn il-bins.

## 5. Kummenti tas-Sindku

### *5.1 Flooding fi Triq il-Ġnien*

Is-Sur Cutajar qal li biex tiġi ndirizzata l-problema tal-*flooding* fi Triq il-Ġnien, id-Dipartiment tat-Toroq kien ħejja żewġ proposti. L-ewwel proposta kienet dik li jsir ġibjun u t-tieni proposta kienet dik li ssir *catchment box* li wara rriżulta li ma setgħatx issir. Is-Sindku qal li din is-sena minkejja li għamlet ħafna xita ma kienx hemm *flooding* fi Triq il-Ġnien.

### *5.2 Ġbir ta' Skart Domestiku*

Is-Sindku rrefera għad-diversi kummenti li saru dwar is-sistema ta' ġbir ta' skart b'mod partikolari t-tneħħija tal-*bins on wheels*. Huwa spjega li l-Kunsill b'mod unanimu wasal għal din id-deċiżjoni b'mod kawt u wara li kkunsidra l-esperjenzi ta' Kunsilli oħra f'dan ir-rigward. Huwa semma l-lokalita' tal-Birgu li kulħadd jaqbel bil-mod kif inhu miżmum u qal li hemm m'hemmx *bins on wheels*. Semma wkoll il-lokalita' kbira taż-Żurrieq li kellhom il-*bins on wheels* u neħħewhom snin ilu. Huwa elenka diversi problemi marbuta mal-*bins on wheels*, fosthom l-użu ħażin li jagħmlu minnhom tal-ħwienet li minkejja l-avviżi li jibagħtilhom ta' spiss il-Kunsill jibqgħu jkunu arroganti u jimlew il-*bins on wheels* bil-kaxxi meta dawn għandhom *civic eminity site* ftit il-bogħod minn Santa Luċija. Semma wkoll l-apatija ta' xi residenti l-aktar meta jibagħtu t-tfal. Huwa qal li l-Kunsill m'għandux *green wardens* u ma jistgħax jagħmel CCTV *cameras* għax dawn huma spiża li l-Kunsill ma jiflaħiex.

Dwar is-suġġeriment li jgħid li għandu jinbidel il-kuntrattur, is-Sindku qal li bejn il-kuntratturi m'hemmx x'tagħżel u meta tqis il-prezz li dawn joffru biex jibqgħu kompetittivi tifhem għala l-istandard huwa daqsekk baxx.

Is-Sindku tkellem dwar il-futur u qal li biex isir is-separazzjoni ta' l-iskart mid-djar dawn il-*bins on wheels* iridu jispiċċaw xorta waħda u kull tip ta' skart jibda jinġabar fil-ġurnata tiegħu. Huwa qal li fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser tiġi diskussa proposta tal-Green MT Waste Management Services tal-GRTU, '*Pilot Project*' f' Santa Luċija li permezz tiegħu ser jiġu ntrodotti erbgħa *bring in sites* ġodda b' *bins* iżgħar li jieħdu skart separat.

Is-Sindku qal li l-Kunsill irid il-koperazzjoni tar-residenti u ser jimxi b' id tal-ħadid ma' min jabbuża. Huwa qal li l-Kunsill huwa unanimu dwar din id-deċiżjoni u li l-għan tiegħu hu li jkollna lokalita' aktar nadifa. Huwa tenna li l-Kunsill qatt ma ddejjaq ibiddel id-deċiżjoni tiegħu fejn kien hemm il-bżonn.

### Librerija Pubblika

Is-Sindku tkellem dwar in-nuqqas ta' librerija pubblika f' Santa Luċija. Huwa qal li l-Kunsill kien offra l-*annex* tal-Kunsill biex fih issir librerija pubblika. Huwa qal li din ġiet rifjutata għax ma kinitx aċċessibbli għal persuni bi bżonnijiet speċjali. Is-Sindku qal li fejn huwa possibli post pubbliku għandu

jkun aċċessibli iżda permezz ta' din id-deċiżjoni ġiet penalizzata komunita' sħiħa u la l-persuni bi bżonnijiet speċjali u lanqas ir-residenti m'għandhom librerija. Huwa qal li jekk niġu f'dan lanqas l-uffiċju tal-Kunsill m' huwa aċċessibli għal kulħadd.

Is-Sindku qal li fil-proġett taċ-Ċentru tal-Komunita' il-Kunsill ħaseb li jkun jinkludi librerija pubblika. Huwa qal ukoll li l-*Headmistress* tal-*Junior Lyceum* tal-bniet tidher disposta wkoll biex il-librerija ta' l-iskola tkun aċċessibbli għal komunita' iżda din tinvolvi ħafna *technicalities*. Hawnhekk is-Sindku nforma wkoll li l-Kunsill kien kiteb lill-Onor Chris Said dwar il-possibilita' li l-Kunsill jingħata l-Għassa tal-Pulizija bi tpartit jew b'*sharing*. Huwa qal li diġa saru tentattivi oħra u biex din il-proposta tintlaqa' hemm bżonn deċiżjoni tal-Gvern Ċentrali. Huwa kompla jgħid li din l-Għassa li minnha tintuża kamra waħda biss, bi ftit t'alterazzjoni tiġi aċċessibli għal kulhadd.

## Attivitajiet marbuta ma' ġemellaġġi

Fir-rigward tal-kummenti dwar attivitajiet tal-mass li jsiru minn fondi ta' l-Unjoni Ewropea marbuta ma' ġemellaġġi, is-Sindku qal li x-xahar l-ieħor f' Santa Luċija saret konferenza bl-isem ta' *'Promoting Intercultural Dialogue in Europe' u 'Creativity and Innovation'* li għaliha kienu mistednin jattendu residenti minn Santa Luċija. Huwa qal li dan l-avviż kien fuq in-*notice boards* tal-Kunsill u nqara fil-quddies ta' kuljum. Is-Sindku qal li għal din il-konferenza attendew tmienja u għoxrin parteċipant minn Gabiano fl-Italja u sbatax-il parteċipant minn Lumpiaque fi Spanja. Huwa qal li din kienet suċċess u xtaq jieħu l-okkażjoni biex jirringrazzja lil Onor. Chris Said u lil Onor. Stefan Buontempo li flimkien mal-President ta'l-Assoċċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali taw il-kontribut bil-preżenza u l-messaġġ tagħhom f'din il-konferenza. Huwa qal li l-fondi mill-Unjoni Ewropea kienu speċifikament biex issir din il-konfeneza. Huwa qal li din il-konferenza kienet ta' suċċess minn kull aspett u sar ukoll kummerċ u reklam turisitku mill-aqwa.

## Sparar tal-Festa

Fir-rigward ta' l-isparar tal-festi s-Sindku qal li l-permess ma joħroġx mill-Kunsill iżda mill-Għassa tal-Pulizija. Huwa qal li l-Kunsill joħroġ in-*no objection* u jinsisti li l-pulizija jaraw li tiġi osservata l-liġi. Huwa qal li dan isir fir-rigward tal-festa ta' Marija Annunzjata u tal-Madonna tad-Duttrina li jiġu ċċelebrati f'Ħal Tarxien. Huwa qal li l-isparar tal-festi ma jistgħax iwaqqfu l-Kunsill għax il-Kunsill mhux 'il fuq mill-liġi tal-pajjiż. Huwa qal li tajjeb li jsiru l-*petitions* u jintbagħtu għand l-awtoritajiet tal-pajjiż u l-knisja. Fir-rigward tal-ħsarat li jsiru għad- detriment tar-residenti hemm l-*insurance* tal-kuntrattur li jrid jagħmel tajjeb għal dawn il-ħsarat.

## Newsletters

Rigward in-*newsletters* tal-Kunsill is-Sindku qal li din is-sena ħarġu żewġ *newsletters*. Huwa qal li l-Kunsill ma jistgħax joħroġ aktar minn hekk għax dawn iqumu l-flus u din mhix xi lokalita' mimlija ħwienet li jħallsu għar-

reklamar. Huwa qal li fin-*newsletter* li jmiss ser jiġi ppubblikat ir-rapport amministrattiv u l-pjan ta' ħidma flimkien ma' informazzjoni edukattiva biex ir-residenti jkunu nfurmati aħjar dwar is-servizzi li joffri l-Kunsill b'mod speċjali dwar iż-żamma ta' ndafa fil-lokalita'.

**Oħrajn**

Rigward il-*water troughs* is-Sindku qal li dawn jitnaddfu u jintlew bl-ilma kull tlett ijiem.

Rigward rapporti li jsiru dwar *dumping* is-Sindku qal li dawn jiġu mgħoddija lil pulizija u kien hemm min ħa kontravenzjoni minn ritratt li ġibed resident bin-numru tal-vettura li ntużat f'dan ir-reat u li jiġri hu li l-pulizija jibgħatu għall-individwu li jkun wettaq l-abbuż u jġeluh ineħħi l-imbarazz mill-*bins on wheels* u jwissuh biex ma jerġgħax jirrepeti l-abbuż.

**Kummenti minn membri oħra tal-Kunsill**

- Il-Viċi Sindku rrefera għall-isparar tal-festi u qal li l-Knisja hija konxja mill-konsegwenzi u diġa ħadet miżuri biex dawn jittaffew u ser tkompli tindirizza l-problema fil-futur.

- Il-Kunsilliera Paulette Gafa` tkellmet dwar l-isparar tal-festa u qalet li hawn ħafna nies, anke residenti ta' Santa Luċija, li jħobbu dan l-isparar li llum jagħmel parti mill-kultura tal-pajjiż. Hija qalet li l-festi joħolqu attrazzjoni għat-turiżmu li pajjiżna tant għandu bżonn. Il-Kunsilliera Gafa` irreferiet għal kunċert mużikali li sar f'Ħal Għaxaq ġurnata qabel u dwar il-fatt li l-mużika nstemgħat minn Santa Luċija. Hija qalet li din kienet okkażjoni fejn eluf ta' żgħażagħ inġabru flimkien biex b'mod san u fi spirtu żgħażugħ attendew għal din l-attivita'.

**GĦELUQ**

Il-laqgħa ntemmet fil-11.15a.m.

**Caroline Silvio**
**Segretarja Eżekuttiva**

**Approvati llum** IT-TNEJN

22 **ta'** Ġunju **2009**

**Frederick Cutajar**
**Sindku**